VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,022, 6 ta' Lulju, 2018
Taqsima B

A.L. 220 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Journalism - Dip. Journalism - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Journalism – Dip. Journalism - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Journalism – Dip. Journalism - ippubblikati bħala Avviż Legali 392 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Mejju, 2018 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-Kors jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kretti u li jinkludu esej twil."

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu Esej Twil ta' mhux aktar minn sebat elef kelma, sa mhux aktar tard mill-aħħar ġurnata tal-lekċers fl-aħħar semestru tal-Kors."

It-Tħassir tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jitħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinament 8 tal-oridnamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-oridnament 7.

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ir-riżultat finali għandu jiġi mwieżen kif ġej:

It-Taqsimiet studju mgħallma - 80%
L-Esej Twil – 20%."